# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru 4**

**Cit. Nru. 1235/91 AJM**

**John Bugeja ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Bugeja Bros. Limited**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**<u>Rikors ghal ritrattazzjoni</u>**

Din il-Qorti jehtigilha issa tiddeciedi dwar rikors ghal smiegh mill-gdid tal-kawza mill-Kummissarju ta' l-Artijiet. Dana fuq il-bazi:

1. Ghax is-sentenza ttiehdet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara ta' l-ohra fit-termini tal-paragrafu (a) ta' l-art. 811 tal-Kap 12;

2. Ghax is-sentenza applikat il-ligi hazin fit-termini tal-paragrafu (e) ta’ l-art. 811 ta’ l-istess Kapitolu;

3. Ghax is-sentenza fiha disposizzjonijiet kontra xulxin fit-termini tal-paragrafu (i) ta’ l-art. 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**A. L-eccezzjoni ta’ l-irritwalita’ tal-proceduri**

Fir-risposta tieghu r-ritrattat nomine eccepixxa preliminarjament li l-proceduri istitwiti fir-rikors kienu irriti u nulli billi “l-art. 182 (1) (tal-Kap 12) li fuqu ibbaza l-argument kollu tieghu l-intimat sabiex jiggustifika t-tezi tieghu li dan l-artikolu ma japplikax ghan-notifiki tar-rikorsi ta’ l-appell bhal ma huwa l-kaz in ezami. L-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 144 li specifikatament jirregola n-notifika tar-rikors ta’ l-appell. Din l-eccezzjoni, kif proposta, kellha strettament tigi deciza qabel ma l-Qorti tghaddi biex tara jekk kienux jew le jokkorru elementi mehtiega li kienu jiggustifikaw smiegh gdid tal-kawza.

Kien ghalhekk illi b’decizjoni tal-31 ta’ Lulju, 2000, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza taghha billi kien irrizultalha li ma kienux saru sottomissjonijiet fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni u dan kien

jipprekludi lill-Qorti milli tghaddi biex tiddeciedi dwar jekk kienx hemm raguni jew le biex tinstema' l-kawza mill-gdid qabel ma tkun giet sorvolata din l-eccezzjoni procedurali. Fil-verita' din il-Qorti tat l-opportunita' ghal trattazzjoni fuq eccezzjoni ta' l-irritwalita' pero' ftit li xejn saru sottomissjonijiet utili f'dan ir-rigward. Hi nfatti korretta s-sottomissjoni tar-ritrattand illi din l-eccezzjoni kienet tirrigwarda aktar il-mertu tat-talba ta' ritrattazzjoni u ma kien hemm xejn x'jindika li l-procedura ut sic ma kienetx rite et recte.

Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta' l-irritwalita' u n-nullita' tal-procedura ta' ritrattazzjoni u tghaddi biex tikkonsidra jekk kienx hemm raguni jew le bazata fil-ligi biex tigi annullata d-decizjoni taghha tad-29 ta' Ottubru, 1999 li biha laqghet l-eccezzjoni tad-dezerzjoni avanzata mill-appellat nomine bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant.

Il-Qorti tghaddi issa biex tezamina in rescindendo aggravji avanzati mir-ritrattand li, fil-fehma tieghu, jintitolawh ghal smiegh mill-gdid tal-kawza. Ghal dan il-fini l-Qorti kellha tezamina jekk kienux jokkorru dawk l-elementi mehtiega taht il-kapi invokati mill-art. 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jiggustifikaw illi s-sentenza impunjata tigi mwarrba. Hu veru li gie ritenut illi "e' indubitato che il rescindente non si debba confondere col rescissorio, altrimenti la

domanda di revoca si imputerebbe in una ordinaria revizione. Ma da cio' non segue che il giudice non abbia alcune volte il dovere di ezaminare il merito della causa, non essendo ragionevole pretendere la definizione di un punto controverso e negare la facolta' di accertare i dati dal quale dipende la detta definizione" (Mancini, Pisanelli, Scialoja, Vol. IV, Libro 3°, Titolo 2°, pag. 549 et seq).

Dan pero' limitatament ghal dak li kien strettament necessarju biex jigi stabbilit jekk kienux jew le jokkorru cirkostanzi li jiggustifikaw ir-revoka tas-sentenza impunjata. Dan tenut dejjem prezenti li r-rimedju ta' ritrattazzjoni kien wiehed straordinarju intiz biex jigi accertat illi zbalji gjudizzjarji manifesti ta' fatt u ta' dritt setghu jigu rettifikati u osservat il-principju illi tali rimedju ma kienx intiz biex jaghti sfog ghal revizjoni mill-gdid tal-mertu minn Qorti tat-tielet grad. Din il-konsiderazzjoni tapplika ghal kull wiehed mill-aggravji premessi f'kull wiehed mis-subincizi ta' l-art. 811 tal-Kap 12.

Biex tiffacilita' l-konsiderazzjoni tar-rikors din il-Qorti sejra tirriproduci mir-rikors ta' ritrattazzjoni, il-fatti li taw lok ghall-incident li jidher li huma sostanzjalment korretti ghax dan jiffacilita' l-konsiderazzjoni tal-Qorti.

> "a. Fl-4 ta' Ottubru, 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza.

b. Fl-10 ta' Ottubru, 1996, l-esponent appella minn dik is-sentenza.

c. L-esponent ordna notifika tar-rikors ta' l-appell lill-appellat John Bugeja nomine fl-indirizz "Gulfran", Triq P. Boffa, Paola. Dan kien l-indirizz illi l-atur kien ta fic-citazzjoni. Imkien ma jirrizulta jekk dan l-indirizz kienx tar-residenza ta' l-attur jew kienx xi sede socjali jew xi indirizz iehor fejn l-attur seta' jircievi notifiki.

d. L-ghada, fil-11 ta' Ottubru, 1996, saret riferta fis-sens li l-appellat ma kienx gie notifikat peress illi meta l-ufficjal tal-Qorti mar fl-indirizz moghti fl-10 ta' Ottubru, 1996, sab li l-appellat kien "move" (vide riferta a fol 145 tergo tal-process) u cioe' li ma kienx ghadu joqghod fl-indirizz moghti minnu meta intavola c-citazzjoni.

e. L-esponent qatt ma gie notifikat illi n-notifika tar-rikors ta' l-appell tieghu ma kienetx saret izda sussegwentement, wara hafna zmien, sar jaf b'tali nuqqas ta' notifika;

f. Fit-3 ta' Gunju, 1997, l-esponent ordna n-notifika tar-rikors lill-Prokuratur Legali li kienet ipprezentat ic-citazzjoni liema notifika saret fis-6 ta' Gunju, 1997 (vide fol 146 tergo tal-process) u cioe' entro s-sena mindu kien gie prezentat ir-rikors ta' l-appell. Din in-notifika kienet ordnata abbazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 182 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sens li "Meta wahda mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (b) (c) (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 180 jipprezenta skrittura skond dak l-artikolu hija obbligata li tircievi n-notifika ta' kull skrittura ohra dwar il-kawza kemm-il darba l-parti kuntrarja bil-mezzi tal-Qorti ma tkunx giet mgharrfa li dik il-persuna ma ghandhiex tidher fil-kwalita' li biha kienet ipprezentat l-iskrittura.

g. Illi fl-10 ta' Ottubru, 1997, l-Appell gie dikjarat dezert mir-Registratur tal-Qrati "skond l-Art 963 Kap 12" u dan minghajr ma l-kawza tqeghdet fuq il-lista ta' appelli ghas-smiegh, minghajr smiegh u minghajr ma kienet saret risposta jew, wisq inqas, giet eccepita d-dezerzjoni. Di piu', din id-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni saret meta kien hemm fil-process riferta posittiva dwar in-notifika tar-rikors ta' l-appell skond l-Artikolu 180 tal-Kap 12.

h. Illi fit-23 ta' Ottubru, 1997, l-esponent intavola rikors biex jigi dikjarat illi d-decizjoni amministrattiva illi permezz taghha l-appell kien gie dikjarat dezert kienet nulla. Ghal darb'ohra l-

esponent ordna n-notifika ta' John Bugeja fil-fond "Gulfran", Triq P. Boffa, Paola, pero' jidher illi n-notifika saret lil dan John Bugeja f'indirizz fejn l-esponent qatt ma kien ordnaha u cioe' fi Triq Aldo Moro, il-Marsa (vide fol 150 tergo tal-process). Notifika ohra lil John Bugeja, u cioe' dik tas-6 ta' Novembru, 1997, ukoll saret f'indirizz fi Triq Aldo Moro f'lok fl-indirizz "Gulfran", Triq P. Boffa, Paola, indikat mill-esponent. Dan, kif diga' inghad minghajr ma l-esponent qatt ordna notifika f'dan l-indirizz u anke minghajr ma l-esponent qatt ma kien jaf b'dan l-indirizz. L-istess dwar in-notifika tal-5 ta' Dicembru, 1997.

Illi d-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Ottubru, 1999, hija bazata fuq is-segwenti motivi u konkluzzjonijiet:

i. Illi l-artikolu 182(1) ma japplikax ghan-notifiki ta' rikorsi ta' l-appell peress illi huwa "gust u xieraq" illi l-partijiet kollha involuti (f'appell) kemm min jippromwovi l-appell kif ukoll min huwa imsejjah biex jirrispondi ghalih quddiem din il-Qorti ikunu personalment aditi minn din ic-cirkostanza biex ikunu sewwa jistghu jiddefendu ruhhom" u wkoll peress illi l-Artikolu 144(1) tal-Kap 12 jipprovdi illi "L-appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-ohra jew kull wiehed minnhom. L-appellant ghandu jindika fir-rikors ta' l-appell il-partijiet li kontra taghhom l-appell ikunqieghed isir. Ir-rikors ta' l-appell ghandu jigi notifikat lill-partijiet kollha izda l-partijiet biss li kontra taghhom isir l-appell ghandhom fi zmien ghoxrin jum jipprezentaw it-twegiba li jkun riha r-ragnijiet ghalfejn appell ghandu jigi michud".

ii. Illi la darba l-Avukat jew il-Prokuratur Legali ma setghax sua sponte jipprezenta appell kontra sentenza tal-Prim'Istanza u ma setghax sua sponte jipprezenta risposta ta' l-appell, l-appell ma setghax jigi notifikat lill-Prokuratur Legali peress illi kien car mit-test tal-ligi li "kellha tkun il-parti li tagixxi".

iii. Illi l-Prokuratur Legali ghandu obbligu li "jircievi n-notifiki kollha ta' l-attio konnessi mal-process gudizzjarju li ma humiex dawk f'dawn il-konsiderazzjonijiet kontemplati".

iv. Illi dina l-Onorabbli Qorti qablet "kompletament" ma' l-aggravju ta' l-esponent fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni ta' l-appell minghajr smiegh kienet tqajjem kwistjoni ta' smiegh xieraq stante li hu bhala parti fil-kawza kellu kull dritt li jinstema' qabel ma tittiehed decizjoni li teffettwa d-drittijiet civili u d-drittijiet ta' azzjoni tieghu. Dwar dan, pero', il-Qorti kkonkludiet illi l-appuntament tar-rikors ghas-smiegh u l-konsiderazzjoni minnha tal-punt dwar jekk l-appell kellux imur dezert jew le kienu

> jaghmlu tajjeb ghal din il-mankanza. Ghalhekk "l-eccezzjoni tad-dezerzjoni" giet milqugha minkejja li ma kienet saret ebda risposta ta' l-appell u mikejja li l-appell qatt ma gie appuntat ghas-smiegh".

Il-Qorti issa tghaddi biex tikkonsidra kull wiehed mit-tlett aggravji tar-rikorrent ritrattand.

**A) Ilment abbazi ta' paragrafu (a) ta' l-art. 811.**

Dan is-subinciz jipprovdi illi kawza deciza b'sentenza moghtija fil-grad ta' appell tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra". Gie ritenut fil-gurisprudenza illi biex d-domanda ghar-ritrattazzjoni fuq din il-bazi tigi akkolta kien jehtieg jigi provat illi l-qerq uzat kien tax-xorta tali illi kien jimpedixxi milli wiehed allegatament jiddefendi lilu nnifsu. "Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista' jaghti lok ghal rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja, dan ikun gie mqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba". (Vol. XXXI, P.I, p. 231). 'Il dolo da ingresso al rimedio di ritrattazione solamente quando i raggiri uzati da una delle parti sono stati tali che senza essi l'altra parte non sarebbe stata condannata". (Vol. XIV, p.219)

Is-subinciz jispecifika wkoll li l-qerq li, bis-sahha tieghu tkun ittiendet is-sentenza, kellu jigi ezercitat minn parti wahda bi hsara tal-parti l-ohra. “Biex l-ingann jista’ jaghti lok ghal ritrattazzjoni irid ikun gej minn wahda mill-partijiet fil-kawza u mhux minn min mhux attur jew konvenut avolja jkun xhud”. Skond ir-ritrattand il-qerq jirrizulta mill-fatt li una volta kull parti li tipprezenta att gudizzjarju kienet obbligata li taghti l-indirizz taghha fuq dak l-att, kull parti f’kawza kellha l-obbligu kemm li taghti indirizz tajjeb kif ukoll li tinforma lill-Qorti jekk l-indirizz li tkun originarjament tat ma jibqax tajjeb. Fin-nuqqas dik il-parti tkun qed tonqos mill-obbligu tal-lejalta’ li hi ghandha lejn il-parti l-ohra u lejn il-Qorti u tkun qeghda fil-fatt tqarraq bil-kontro-parti u bil-Qorti. Ir-ritrattand allura jasal ghall-konkluzzjoni illi c-cirkostanzi li fihom in-notifiki li ma kienux konvenjenti ghall-appellat ma sarux, filwaqt li dawk li kienu konvenjenti ghalih saru, (ukoll f’indirizz li ma jirrizultax fil-process) ghandhom iwassalu ghas-sodisfazzjon morali li r-riferta tal-11 ta’ Ottubru, 1996, meta gie dikjarat li l-appellant kien “moved” mill-fond “Gulfran” Triq P. Boffa, Paola, jew:

(a) kienet ir-rizultat ta’ kolluzzjoni, qerq u raggiri li fihom il-kontro-parti ma setghetx ma kienetx direttament jew indirettament involuta, intizi unikament sabiex il-kontro-parti ma tigix notifikata b’att gudizzjarju li hija ma kellhiex interess li tigi notifikata bih, u din il-manuvra kienet ukoll diretta biex tizvija lir-ritrattand dwar ir-reperibbilita’ tal-kontroparti; jew

(b) kienet ir-rizultat ta' qerq konsistenti fin-nuqqas ta' lealta' tal-kontroparti lejn il-Qorti u lejn ir-ritrattand meta hija naqset li tirregistra fil-process il-fatt illi l-indirizz li hija tat fl-att tac-citazzjoni ma kienx ghadu validu.

Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjonijiet taht dan l-inciz huma lodevoli bhala ezercizzju ta' dak li hu etiku da parti ta' l-avukati fil-kondotta tad-difiza tal-klijenti taghhom u wkoll bhala esposizzjoni tal-lealta' li huma u l-partijiet kellhom ikollhom lejn xulxin u lejn il-Qorti.

Il-Qorti pero' ma tistax tikkondividi l-fehma illi jezisti xi obbligu legali fuq il-parti f'kawza li tinforma lill-Qorti u lill-parti l-ohra fuq kull tibdil li jkun hemm fl-indirizz fejn kienet toqghod. De lege condenda dan hu awspikabbli li jigi mpost pero' sal-lum il-Ligi ma tirrikjedix din il-kortesija. Inoltre, biex jirrizulta l-element tal-qerq ghall-fini ta' dan is-subinciz, dan kellu jkun provat bhala att volut tal-parti biex tizvija b'ingann il-kors tal-gustizzja. Din il-prova mill-atti ma tirrizultax. Inoltre, u aktar importanti minn hekk, ir-ritrattand jilmenta li din il-Qorti ma nvestietx dan l-aspett tal-mertu. Ghandu jinghad li fl-ebda mument fit-trattazzjoni tar-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet biex din il-Qorti thassar id-decizjoni amministrattiva li permezz taghha l-appell gie dikjarat dezert, ma gie avanzat da parti tieghu l-ilment illi kien hemm xi qerq mis-socjeta' attrici

intenzjonat biex jippregudika id-dritt ta' appell tieghu. Jekk din verament kienet il-konvinzjoni tar-ritrattand, dak kien il-mument meta kellu jissolleva eccezzjoni ta' din ix-xorta u jissostanzjaha quddiem din il-Qorti.

Ghandu jigi wkoll precizat punt iehor importanti. Li qed jigi ritrattat f'dan il-kaz hu l-process li wassal ghad-decizjoni tad-29 ta' Ottubru, 1999. Mertu dan ghal kollox differenti u indipendenti mill-process tan-notifika ta' l-appell innifsu. Dan l-aggravju allura certament ma jistax japplika fir-rigward ta' dik is-sentenza inkwantu r-rikors ta' l-10 ta' Jannar, 2000, gie sewwa notifikat lill-parti ritrattata fl-indirizz li gie indikat mill-istess Kummissarju ta' l-Artijiet. Prova din li tillustra wkoll li ma kien xejn difficli ghall-makkinarju amministrattiv governattiv li jirrintraccja l-indirizz korrett u attwali tas-socjeta' ritrattata u li dan allura kien perfettament possibbli li jsir ukoll meta kellu jigi notifikat ir-rikors ta' l-appell. Dan l-aggravju qed jigi allura michud.

**B. <u>L-ilment dwar l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12</u>**

Dan l-artikolu espressament jiddisponi illi "kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet...........

.................omissis...................

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".

Ir-ritrattand jissottometti li fil-kaz taht ezami s-sentenza impunjata applikat il-ligi hazin billi hija applikat il-ligi b'mod illi ma tiehux konsiderazzjoni adegwata tad-dritt ghal smiegh xieraq illi hu ghandu skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzjzoni u skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li hija wkoll parti mil-ligi ordinarja tal-pajjiz illi, pero', skond l-Att Xiv ta' l-1987, ghandha tipprevali fuq ligijiet ohra.

Apparti minn hekk il-Qorti imissha wkoll applikat l-artikolu 182 tal-Kap 12 li huwa diga car dwar materja ta' notifiki ta' kull skrittura f'kawza.

"Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht dan is-subinciz (e) jekk fuq dawk il-fatti, kif jirrizultaw provati, il-Qorti applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jigi propjament applikat. Il-ligi espressament tipprevedi u l-gurisprudenza hi konkordi, li ma tistax tigi kontestata l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti fis-sentenza mpunjata

li l-ligi li giet applikata ghall-fatti kif jirrizultaw provati”. (Xuereb utrinque deciza minn din il-Qorti fl-20 ta’ Jannar, 1992).

“Jinghad li kien hemm aplikazzjoni hazina tal-ligi fejn hemm “la violazione manifesta in una sentenza di una legge espressa e chiara non soggetta ad interpretazione” “L-ipotesi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni razjocinji jew argomenti”. (Aquilina vs. Aquilina, Vol. XLII, P.I, p.227).

Il-gjurisprudenza fir-rigward ta’ l-interpretazzjoni ta’ din is-subinciz hi ormai kostanti u pacifika. Anke fir-rigward ta’ dan l-aggravju ir-ritrattand ittanta approcc novell ghat-talba tieghu ghal smiegh mill-gdid tal-kawza billi ssolleva b’mod mhux daqs tant velat kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali meta dan ma kienx issollevah fi stadju opportun meta din il-Qorti kienet qeghda tittratta l-eccezzjoni ta’ dezerzjoni propja. Indubbjament ma setghax f’dan l-istadju hekk jaghmel u din il-Qorti ser tiskarta din is-sottomissjoni bhala li ma kienetx sollevabbli f’dan l-istadju. Tqis f’kull kaz lis-sottomissjoni bhala wahda frivola u vessatorja propju ghaliex hu ovvju li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kien jaghti rimedju aktar minn adegwat ghal-lanjanza tieghu ta’ l-allegat nuqqas ta’ smiegh xieraq fil-kors tas-smiegh ordinarju tal-process.

Ir-ritrattand jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti kien messha applikat l-art. 182 tal-Kap 12. Qari tad-decizjoni tad-29 ta' Ottubru, 1999, juri b'mod l-aktar car li din il-Qorti kkunsidrat dan l-artikolu, analizzatu u kkomparatu ma' dispozizzjonijiet ohra u waslet ghall-konkluzzjoni propju li dan l-artikolu ma kienx fic-cirkostanzi applikabbli. Kien allura ovvjament process ta' interpretazzjoni, razjocinju u argumentar illi mmotiva lil din il-Qorti fid-decizjoni taghha u ghalhekk dan l-aggravju ma setghax jigi milqugh.

Din il-Qorti tapprezza l-isforz li sar da parti tal-Kummissarju ta' l-Artijiet biex janalizza l-artikoli rilevanti ghall-mertu taht ezami, anke tramite ezercizzju ta' riljevi dwar l-origini storika ta' l-art. 182 tal-Kap 12. Hu ezercizzju akkademiku interessanti li jimmerita li jigi mwassal lil kull min hu interessat fl-istudju ta' procedura legali. Jibqa' pero' l-fatt li dan l-istudju kellu propjament jigi mqieghed ghad-disposizzjoni u ghall-attenzjoni tal-Qorti meta hi kkunsidrat ir-rikors tad-29 ta' Ottubru, 1999, u qabel ma ddecidietu. Fil-verita' s-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-Artijiet f'dan l-istadju ma kienux hlief approfondiment sostanzjali tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti meta kkonsidrat l-eccezzjoni ta' dezerzjoni li fuqha insista l-attur nomine u qabel ma din giet deciza. Sottomissjonijiet li f'dan l-istadju huma sfortunatament ghal kollox intuili. Dan l-aggravju qed jigi respint.

## <u>C. L-ilment dwar is-subinciz (i) ta' l-Art. 811</u>

Dan l-artikolu jipprovdi illi:

"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' tigi wkoll ritrattata jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonjiet kontra xulxin. Il-gurisprudenza tghallem illi l-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz kellha tkun wahda pjuttost restrittiva. Hekk gie ritenut: "Per dirsi che un medesimo giudicato fa chiude disposizioni contrarie e mestieri che a disposizioni si distruggono reciprocamente per il modo che non possano tutte eseguirsi".(Vol. VII, p.5290.

"Hemm bzonn li dawk id-disposizzjonjiet jiddistruggu lil xulxin b'mod li ma jkunux jistghu jigu esegwiti kollha". (Vol. XLIII, P.I., p.264)

Dan ukoll jindika l-kontradizzjoni allegata ma kellhiex tinstab fil-konsiderandi u fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata, imma fid-dispositiv taghha. Kellu allura jkun hemm aktar minn dispositiv wiehed fid-decizjoni u li dawn iz-zewg disposizzjonijiet jew aktar kellhom ikunu kjarament inkompatibbli u rrikonciljabbli b'mod li jirrendu d-decide ezegwibbli "La contradizione non si deve ritrovare fra le dichiarazioni emesse nella sentenza e' il fatto rizultante dal processo, Ma fra le diverse dichiarazioni contenute nella sentenza stessa. Essa cioe' non

sia da ritrovare nei motivi della sentenza, ma la contradizione per fornire motivi di ritrattazione deve ritrovarsi nel disposittivo, poiche' quando vi e' si fatta contradizione manca la base della sentenza stessa, cioe' la certezza del giudicato" (Vol. XXV, P.I., p.137). (Ara wkoll f'dan ir-rigward il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Isidoro Agius vs. Giuseppe Bugeja et" deciza fit-13 ta' Gunju, 1995).

Ir-ritrattand jissottometti illi kien hemm lok ghal ritrattazzjoni skond dan il-paragrafu billi filwaqt li s-sentenza appellata qablet li l-kawza ma setghetx tigi deciza b'semplici decizjoni amministrattiva, hija kkonfermat il-validita' ta' stat ta' fatt li fih il-kawza giet deciza b'semplici decizjoni amministrattiva u minghajr ma giet appuntata ghas-smiegh. Hu jissottometti li z-zewg disposizzjonjiet li permezz taghhom il-Qorti l-ewwel qablet li d-drittijiet ghas-smiegh xieraq tieghu ma kienux gew rispettati meta l-kawza giet deciza b'semplici decizjoni amministrattiva, u dik fejn il-Qorti xorta kkonfermat l-istat ta' fatt li fih il-kawza giet deciza minghajr ma giet appuntata ghas-smiegh, huma fil-fatt disposizzjonijiet intrinsikament kontra xulxin.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju. Id-disposizzjoni fid-decide taht ezami kienet biss li din il-Qorti laqghet l-eccezzjoni ta' dezerzjoni sollevata mir-ritrattat u dana bl-ispejjez kontra r-ritrattand. Il-konsiderazzjonijiet antecedenti ghal din id-decizjoni jikkostitwixxu

kollha kemm huma motivi li jelaboraw ir-raguni ghaliex waslet din il-Qorti ghal dik id-decizjoni. Lanqas hu korrett li jinghad li din il-Qorti kkonfermat l-istat ta' fatt li fih il-kawza giet deciza minghajr ma giet appuntata ghas-smiegh. Il-Qorti effettivament appuntat ir-rikors tar-ritrattand fl-atti ta' l-istess kawza propju biex jinghata l-opportunita' li tigi epurata il-kwistjoni ta' dezerzjoni ta' l-appell. Dana billi jigi verifikat jekk l-attur nomine kienx ser jinsisti fuq l-eccezzjoni ta' dezerzjoni u biex jigi indagat jekk kienx hemm xi raguni ghaliex din ma kellhiex tigi milqugha. Dan fl-iskorta ta' l-izvilupp gjurisprudenzjali ricenti. Inoltre hu aktar minn car mill-atti li l-Qorti tat l-opportunita' lill-kontendenti biex jittrattaw it-talba tal-konvenut appellant propju biex tigi mpunjata s-semplici decizjoni amministrattiva li ddikjarat l-avvenuta dezerzjoni, tant li d-decizjoni fuq dak ir-rikors kienet propju d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni kienet sostenibbli u konsegwentement giet milqugha. Dan l-aggravju allura lanqas isegwi l-iter processwali kif effettivament gara u konsegwentement ma jistax ikun sostnut.

Ghal dawn il-motivi t-talba tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet biex tigi ritrattata decizjoni ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 1999, qed tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Dep/Reg mm